

Brussell, 28 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15992/25

AUDIO 125
DISINFO 104
DIGIT 254
MI 964
FREMP 360
COMPET 1241
EDPS 10
DATAPROTECT 313
JAI 1792
SERVICES 83
POLGEN 213
INST 410

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar l-aċċess għal aħbarijiet affidabbli bħala parti mit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija

Wara l-laqgħa tal-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport tat-28 ta' Novembru 2025, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test tal-konklużjonijiet tal-Presidenza li kien appoġġat minn 26 delegazzjoni.

**Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar l-aċċess għal aħbarijiet
affidabbli bħala parti mit-Tarka Ewropea għad-Demokrazija**

IL-PRESIDENZA TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI TFAKKAR LI:

1. L-aċċess għal aħbarijiet affidabbli huwa prerekwiżit fundamentali biex id-demokraziji tagħna jiffunzjonaw. Għalhekk, il-media tal-aħbarijiet li topera taħt responsabbiltà editorjali u f'konformità mal-istandards ġurnalistiċi professjonali u etiċi għandha rwol demokratiku importanti fis-salvagwardja tal-infosfera, fl-iżgurar tal-aċċess għal aħbarijiet affidabbli u fil-ħarsien ta' demokraziji vibranti u reżiljenti.
2. Il-protezzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media huma pilastri tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt u għandhom rwol integrali fil-faċilitazzjoni tal-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-informazzjoni, kif ukoll fit-trawwim ta' diskors demokratiku miftuħ.
3. Il-Manipulazzjoni tal-Infomazzjoni u l-Interferenza minn Barranin (FIMI) u d-diżinformazzjoni joħolqu sfidi mifruxa, kumplessi u serji għas-soċjetà¹ li jeħtieġ li jiġu indirizzati, fost oħrajn, billi b'mod proattiv titrawwem sfera sostenibbli ta' media affidabbli, pluralistika u aċċessibbli. Fl-istess ħin, anke l-miżinformazzjoni mxerrda² mingħajr intenzjoni ħażina u responsabbiltà diretta joħolqu sfida separata li qed tikber għall-isfera tal-aħbarijiet u l-infosfera, aggravata minn xejriet ġodda u spiss diġitali ta' tixrid u konsum.

¹ Kif rikonoxxut, pereżempju, matul id-diskussjonijiet reċenti fil-Jum Dinji tal-Libertà tal-Istampa 2025 tal-UNESCO u fl-20 edizzjoni tar-Rapport dwar ir-Riskji Globali Dinjija 2025 tal-Forum Ekonomiku Dinji.

² Ara, pereżempju, ir-[rapport tal-ERGA għall-2020](#) dwar "Notions of Disinformation and Related Concepts", Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

4. Qed tizzied il-persjoni fuq is-settur tal-aħbarijiet u fuq l-infosfera ġenerali. Dan jirriżulta minn diversi fatturi li spiss ikunu interkonnessi, u li jeħtieġ jiġu indirizzati sabiex jitrawmu aħbarijiet affidabbli, bħal:
- a) Sfidi diġitali – meta l-pjattaformi online, il-gwardjani diġitali, fosthom il-magni tat-tiftix, u l-kontenut imbuttat mill-algoritmi jkollhom impatt enormi fuq il-mudelli kummerċjali attwali fil-media u fuq id-dħul mir-reklamar. L-istess japplika għas-servizzi tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), li joffru opportunitajiet ġodda iżda joħolqu wkoll sfida billi qed jipproduċu dejjem aktar kontenut li jixbaħ lill-aħbarijiet u qed jipprovdu sommarji u ħarsiet ġenerali lejn l-aħbarijiet mingħajr responsabbiltà editorjali ċara u possibbilment abbażi ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur. Dan joħloq il-ħtieġa kemm ta' innovazzjoni kif ukoll ta' adattament għas-suq, kif ukoll sforzi biex jiġu żgurati kundizzjonijiet aktar ekwi sabiex ma jiddgħajfux l-aċċess għal informazzjoni affidabbli u l-fiduċja fil-kontenut ġurnalistiku.
 - b) Il-feġġ ta' atturi fl-ambjent medjatiċu, bħall-ħallieqa ta' kontenut online (li jissejħu wkoll influwenzaturi) li jipproduċu u jxerrdu kontenut relatat mal-aħbarijiet. F'xi każijiet dawn l-atturi huma diġà kklassifikati bħala fornituri ta' servizzi tal-media, iżda jaf ma jkunux soġġetti konsistentement għall-istess regoli tal-media tradizzjonali, minkejja li spiss ikollhom l-istess firxa u impatt jew anke firxa u impatt aktar estiżi, b'mod partikolari fejn jidħlu udjenzi iżgħar fl-età;
 - c) Sfidi ġeopolitiċi – meta atturi malizzjużi jidentifikaw potenzjal dejjem akbar biex idgħajfu u jiskreditaw id-diskors demokratiku, il-ħsieb kritiku u s-sens ta' fiduċja komuni fis-soċjetajiet tagħna.

5. L-impatt tal-isfidi diġitali huwa partikolarment sinifikanti għall-fornituri ta' servizzi tal-media tal-aħbarijiet li huma żgħar, indipendenti, lokali u reġjonali, fosthom dawk kummerċjali, kif ukoll għas-servizzi tal-media tal-aħbarijiet, speċjalment f'komunitajiet iżgħar u f'lingwi inqas mitkellma.
6. Jistgħu jfeġġu deżerti ġeografiċi tal-aħbarijiet meta l-aċċess għal kontenut tal-aħbarijiet prodott lokalment jitnaqqas jew ikun għalkollox nieqes, filwaqt li d-diviżjonijiet demografiċi, soċjali u ġenerazzjonali jistgħu jaffettwaw il-mod li bih gruppi differenti jaċċessaw sorsi ta' aħbarijiet affidabbli u jinteraġixxu magħhom. Fl-istess ħin, fatturi oħra bħaż-żieda fil-polarizzazzjoni kkawżata minn algoritmi bbażati fuq l-involviment, kampanji ta' FIMI u t-tixrid ta' kontenut iġġenerat artifiċjalment jew b'mod mhux ivverifikat, jikkontribwixxu wkoll għad-diviżjoni fil-konsum tal-media u fil-fiduċja fil-kontenut ġurnalistiku.

TIRRIKONOXXI LI:

7. F'dawn l-aħħar snin, l-Unjoni Ewropea ħadet għadd ta' passi biex tiżviluppa l-qafas regolatorju għas-servizzi tal-media tal-lum, biex jiġu riflessi aħjar l-isfidi attwali u biex jingħataw l-għodod rilevanti f'kuntest diġitali. B'mod partikolari dan jinkludi l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA)³ u d-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD)⁴. Dan jinkludi wkoll l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA)⁵, l-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA)⁶, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur tas-Suq Uniku Diġitali (id-Direttiva DSM)⁷ u l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali⁸ bħala strumenti importanti biex tiġi rregolata l-isfera diġitali ġenerali. Dan għandu implikazzjonijiet sinifikanti ħafna għas-settur tal-media u għall-ekosistema tal-informazzjoni. Id-Direttiva Anti-SLAPP⁹ tkompli tikkontribwixxi biex il-ġurnalisti u l-organi tax-xandir jiġu protetti minn litigazzjoni abbużiva. Għodod koregulatorji bħall-Kodiċijiet ta' Kondotta tad-DSA dwar id-diżinformazzjoni u l-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online jista' jkollhom ukoll rwol importanti biex il-pjattaformi jinżammu responsabbli għat-tixrid ta' kontenut qarrieqi u dannuż li jikkontribwixxi għal riskji sistematiċi, eż. fil-kuntest tal-elezzjonijiet. Madankollu, jeħtieġ li dawn l-għodod jiġu evalwati regolarmet sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħhom fil-prattika.

-
- ³ Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) (ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024).
- ⁴ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtazjiet tas-suq li qed jinbidlu (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69).
- ⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).
- ⁶ Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (ĠU L 265, 12.10.2022, p.1).
- ⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).
- ⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024).
- ⁹ Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi (ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024), kif akkumpanjata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi.

8. Filwaqt li l-AVMSD introduċiet id-definizzjoni tar-responsabbiltà editorjali fid-dritt tal-UE, l-EMFA affermaha mill-ġdid u espandiha aktar. Skont l-EMFA, il-fornituri ta' servizzi tal-media huma fdati b'ċerti obbligi u drittijiet, fosthom, b'mod partikolari, salvagwardji ġodda skont l-Artikolu 18 biex jipproteġu l-kontenut editorjali minn restrizzjonijiet jew sospensjoni tal-kontenut mill-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna (VLOPs), mingħajr raġuni suffiċjenti.
9. Ir-responsabbiltà editorjali, l-indipendenza u t-trasparenza tas-sjieda, kif ukoll l-istandards professjonali u etiċi huma karatteristiċi determinanti tal-aħbarijiet affidabbli. Kwalunkwe referenza għal aħbarijiet affidabbli f'dawn il-konklużjonijiet ma timplikax xi definizzjoni jew intervent b'mandat statali fl-indipendenza tal-fornituri ta' servizzi tal-media tal-aħbarijiet. Minflok, aħbarijiet affidabbli għandha tinftiehem bħala kontenut tal-media tal-aħbarijiet prodott minn fornituri ta' servizzi tal-media editorjalment responsabbli u akkontabbli, skont l-istandards ġurnalistiċi professjonali u etiċi, f'konformità mal-liġi rilevanti. Meta jkun rilevanti, dan jinkludi wkoll mekkaniżmi koregolatorji jew awtoregolatorji robusti li jirregolaw l-istandards editorjali, li f'ħafna Stati Membri ġew żviluppati f'separazzjoni xierqa mill-influwenza tal-gvern sabiex jiġu sottolinjati l-libertà tal-media u l-indipendenza editorjali.

10. Jeħtieġ ġigi protett ir-rwol tal-media tas-servizz pubbliku li jiżgura l-aċċess ta' kulħadd għal kontenut tal-aħbarijiet affidabbli, fil-pjattaformi tal-media kemm tradizzjonali kif ukoll diġitali. Media tas-servizz pubbliku indipendenti u ġeneralment fdata sservi ta' salvagwardja ċivika u pilastru soċjali, speċjalment fi żminijiet ta' kriżi u instabbiltà.
11. Il-Kunsill diġà enfasizza l-ħtieġa ta' settur tal-media sostenibbli, regolamentazzjoni koerenti u aċċess għal informazzjoni affidabbli bħala parti mill-infrastruttura demokratika, pereżempju fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-valutazzjoni tal-qafas legali għas-servizzi tal-media awdjoviżiva u s-servizzi ta' pjattaformi ta' video-sharing (l-AVMSD)¹⁰, u fil-konklużjonijiet tiegħu dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħielsa u pluralistika¹¹.
12. Dan l-aħħar il-Kummissjoni Ewropea ħadet ukoll passi importanti b'rabta ma', pereżempju, Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Diġitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni¹², il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea kif ukoll inizzjattivi rilevanti oħra tal-Kummissjoni.

¹⁰ C/2025/2954.

¹¹ 2020/C 422/08.

¹² COM (2020) 784 final.

JILQA':

13. L-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tnedi Tarka Ewropea għad-Demokrazija li għandha l-għan, fost oħrajn, li tippromwovi l-parteċipazzjoni u l-involvement fil-ħajja demokratika, u b'mod partikolari li tikkontribwixxi għal settur tal-media sostenibbli, ħieles, indipendenti u pluralistiku, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-valuri demokratiċi.
14. L-impenn stabbilit fil-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-perjodu 2024-2029 biex tibni fuq, tiżgura u ssaħħa settur tal-media affidabbli, indipendenti, pluralistiku u sostenibbli, u żżid l-appoġġ għall-ġurnalisti indipendenti fl-Unjoni Ewropea u l-protezzjoni tagħhom. F'dak il-kuntest, tittieħed nota wkoll tal-Programm għar-Reżiljenza tal-Media l-ġdid, kif imħabbar mill-President tal-Kummissjoni fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tintlaqa' l-opportunità għal involviment dwar kif l-aħjar jiġu appoġġati l-ġurnaliżmu indipendenti u l-litteriżmu fil-media.
15. It-tnedija tal-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media stabbilit taħt l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, u s-sostituzzjoni u s-suċċessur tal-predeċessur tiegħu, il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA), fit-trawwim u l-ħarsien ta' settur tal-media ħieles u pluralistiku madwar l-UE.

TISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FL-OQSMA
TAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM:

16. Jesploraw modi għall-iċċarar tal-applikabbiltà u l-firxa tar-responsabbiltà editorjali, kif definit fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva u fl-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media u kif relatat ma' kunċetti simili tal-akkontabbiltà tal-media. L-għan huwa li jiġi żgurat aċċess għal informazzjoni affidabbli fir-rigward tal-aħbarijiet, u l-aderenza mal-istandards ġurnalistiċi, u, fejn rilevanti, li jiġi estiż l-użu tar-responsabbiltà editorjali biex jiġu inklużi atturi ġodda li jxerrdu aħbarijiet jew kontenut simili għal ġdid, bħall-ħallieqa ta' kontenut online, u li dawn jitħeġġu jeżerċitaw responsabbiltà editorjali b'mod affidabbli. Permezz tal-espansjoni jew l-inkoraġġiment tal-użu tar-responsabbiltà editorjali fost l-atturi rilevanti u biex jiġu riflessi aħjar ir-realtajiet diġitali, dan jista' jgħin biex jiġu pprovduti strutturi ta' inċentivi pożittivi għall-produzzjoni u t-tixrid ta' aħbarijiet affidabbli mingħajr ma jiġu kompromessi l-libertà u l-indipendenza tal-media.
17. Jeżaminaw jekk is-sistemi tal-akkontabbiltà attwali humiex biżżejjed għal servizzi diġitali ġodda li jittrattaw il-kontenut tal-aħbarijiet, inkluż is-sistemi tal-IA, u jekk l-obbligi attwali tad-diliġenza dovuta jkopru b'mod adegwat il-magni tat-tiftix u l-pjattaformi online. Dawn is-servizzi jistgħu ma jkunux direttament involuti jew responsabbli għall-produzzjoni ta' kontenut tal-aħbarijiet u tal-media, u l-kontenut tagħhom sikwit jiġi ġġenerat mill-utenti u mill-algoritmi. Madankollu, dawn jibqgħu gwardjani ċentrali u għandhom rwol dejjem aktar importanti fid-distribuzzjoni u, f'xi każijiet, fil-produzzjoni tal-kontenut. Dan għandu impatt fuq il-pluraliżmu tal-media, il-libertà tal-opinjoni u tal-espressjoni, l-aċċess għal aħbarijiet indipendenti u affidabbli, il-ħolqien ta' deżerti tal-aħbarijiet lokali, u, fl-aħħar mill-aħħar, il-proċessi demokratiċi.

18. Jikkunsidraw modi kif jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti bejn il-pjattaformi online u atturi speċifiċi fl-ambjent tal-media fil-konfront tas-servizzi tal-media tal-aħbarijiet editorjalment responsabbli biex jikkontribwixxu għal settur tal-media aktar sostenibbli, indipendenti, pluralistiku u ħieles. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat trattament regolatorju ġust għal media tal-aħbarijiet affidabbli u editorjalment responsabbli sabiex jiġi evitat kwalunkwe żvantaġġ kompetittiv. Il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwivalenti tista' tinvolvi s-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni biex jitnaqqsu r-rekwiżiti u l-piżijiet amministrattivi mhux uniformi, filwaqt li xorta waħda jinżammu standards regolatorji konsistenti. Fl-istess ħin, għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li r-regoli u miżuri oħra jkunu konsistenti u trasparenti u li l-interazzjoni tagħhom tkun definita sew sabiex tippermetti implimentazzjoni u infurzar effettivi u koerenti. Dawk l-oġettivi għandhom jibqgħu wkoll ċentrali b'rabta ma' kwalunkwe evalwazzjoni li jmiss tal-qafas leġislattiv rilevanti, pereżempju d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.
19. Ikomplu jivvalutaw l-effetti fuq il-pluraliżmu tal-media u l-indipendenza editorjali tal-fornituri tas-servizzi tal-media meta jipproponu miżuri leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi ġodda, filwaqt li jqisu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media.
20. Isegwu regolarment l-atti legali, l-implimentazzjoni, il-pjanijiet ta' azzjoni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill u dokumenti u deċiżjonijiet ta' politika rilevanti oħra msemmija hawn fuq sabiex jivvalutaw kontinwament il-ħtieġa għal aktar azzjoni, simplifikazzjoni u koerenza.
21. Jimmonitorjaw u jivvalutaw ir-regoli attwali dwar id-drittijiet tal-awtur applikabbli għall-kontenut ġurnalistiku, bħall-pubblikazzjonijiet tal-istampa, fil-kuntest tal-iżviluppi tas-suq, il-pjattaformi diġitali u t-teknoloġiji tal-IA. Dan għandu jqis l-inklużjoni xierqa tal-perspettivi tad-detenturi tad-drittijiet u jista' jiġi eżaminat fil-kuntest tal-evalwazzjoni li jmiss tad-Direttiva dwar is-Suq Uniku Diġitali.

22. Itejbu d-disponibbiltà u l-aċċess għall-fondi ta' appoġġ għall-media, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, u jiżguraw li dawn ikunu aċċessibbli wkoll għall-fornituri ta' aħbarijiet affidabbli, indipendenti u editorjalment responsabbli, kontenut ġurnalistiku u, b'mod partikolari, entitajiet tal-aħbarijiet lokali mingħajr ma tiġi kompromessa l-indipendenza tal-media. Dan jista' jinkludi rieżami tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, inkluż, fejn xieraq, ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-għajnuna mill-Istat f'konformità mal-Konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill¹³.
23. Jinkoraġġixxu modi ta' appoġġ għal proġetti tal-media fl-UE kollha, bħal pjattaformi tal-media transfruntiera u kollaborazzjonijiet oħra fost il-media indipendenti u tas-servizz pubbliku, li jipprovdu aħbarijiet preċiżi u affidabbli u jippreżentaw il-wirt kulturali u lingwistiku għani u varjat tal-Ewropa. Dawn il-proġetti jistgħu jservu ta' kontribut għal sfera pubblika Ewropea fl-UE, ta' vuċijiet Ewropej affidabbli fid-dinja u ta' assi fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni.
24. Jesploraw kif jistgħu jiġu żgurati l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għal ambjent tal-media tal-aħbarijiet ħieles, indipendenti u pluralistiku f'suq kompetittiv sabiex il-fornituri tas-servizzi tal-media jkunu jistgħu jstabilixxu mudelli ta' negozju sostenibbli jew jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa. Dan huwa partikolarment rilevanti minħabba li l-pjattaformi tat-Teknoloġija Kbira kisbu sehem dejjem akbar ta' dħul mir-reklamar u t-teknoloġiji tal-IA u l-kontenut iġġenerat mill-IA jista' jhedded il-mudelli kummerċjali eżistenti peress li jibbenefikaw minn kontenut tal-aħbarijiet mis-servizzi tal-media Ewropej mingħajr ma jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' dak il-kontenut.
25. Jiffaċilitaw modi innovattivi biex isaħħu l-mudelli kummerċjali mmexxija mir-reklamar ta' fornituri ta' aħbarijiet affidabbli u jeżaminaw kif dan jinteraġixxi mad-dritt aktar ġenerali tal-UE. Pereżempju, billi wieħed iħares lejn kif l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, l-Att dwar is-Swieq Diġitali u r-regoli tal-kompetizzjoni jistgħu jiffaċilitaw u jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-aċċessibbiltà tas-servizzi ta' reklamar online għall-atturi kollha fil-katina tal-valur, inkluż il-media editorjali. F'dak ir-rigward, jibqa' importanti li tiġi indirizzata l-imġiba awtopreferenzjarja tal-gwardjani kif ukoll li tiġi eżaminata l-ħtieġa għal rekwiżiti ta' interoperabbiltà fis-servizzi ta' reklamar kollha.

¹³ C/2025/2954

26. Jesploraw modi biex jitrawmu u jiġu enfasizzati prattiki ta' reklamar li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ekonomika tas-settur tal-aħbarijiet b'rispett sħiġ għall-indipendenza editorjali. Dan għandu jsir mingħajr ma jinħolqu piżijiet jew rekwiżiti ta' divulgazzjoni.
27. Ikomplu jissalvagwardjaw u jsaħħu l-indipendenza u r-rilevanza tal-media tas-servizz pubbliku, irawmu l-kollaborazzjoni u jiżguraw li daww l-organi tal-media jkunu jistgħu jibqgħu diġitalment rilevanti u preżenti billi jirrikonoxxu l-importanza li l-media tas-servizz pubbliku tkun tista' tippubblika b'mod diġitali u f'diversi formati ta' publikazzjoni fi ħdan id-dritt Ewropew dwar l-għajnuna mill-Istat u l-kompetizzjoni u f'konformità magħhom. Jekk meħtieġ, jivvalutaw jekk ir-regoli attwali dwar l-għajnuna mill-Istat għadhomx adegwati sabiex ir-realtà diġitali, il-preżenza u r-rilevanza kontinwa tal-media tas-servizz pubbliku attwalment jissodisfaw il-ħtiġijiet demokratiċi, soċjali u kulturali.
28. Jippermettu u, meta rilevanti, irawmu l-prominenza xierqa tas-servizzi tal-media ta' interess ġenerali kif previst, pereżempju, fl-Artikolu 7a tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, inkluż fir-rigward ta' pjattaformi online u interfaċċi diġitali li jikkontrollaw jew jimmaniġġjaw l-aċċess għal aħbarijiet affidabbli u l-viżibbiltà tagħhom. Daww il-miżuri jistgħu jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-FIMI u jgħinu biex jiġi żgurat li l-utenti jkollhom aċċess aktar faċli għal informazzjoni diversa, ta' kwalità għolja u affidabbli, inkluż l-aħbarijiet lokali, permezz tas-servizzi tagħhom.
29. Jeżaminaw bir-reqqa modi li bihom il-miżuri ta' prominenza jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv f'kuntast dejjem aktar diġitalizzat u transfruntier mingħajr ma jiġu kompromessi l-kompetenzi nazzjonali jew l-indipendenza tal-media, u mingħajr ma jinħolqu piżijiet bla bżonn għall-fornituri. Triq 'il quddiem possibbli tista' tkun li l-Istati Membri, fuq bażi volontarja, jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar kif il-miżuri ta' prominenza, inkluż l-istandards tekniċi relatati, jistgħu jiġu ottimizzati u adottati faċilment b'modi simili fi Stati Membri differenti, bil-potenzjal li jikkontribwixxu wkoll għall-evalwazzjoni li għaddejja tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva.

30. F'kooperazzjoni mas-settur tal-media, jappoġġaw sforzi u għodod sabiex in-nies, ir-reklamaturi, il-fornituri tas-servizzi u l-pjattaformi online jkunu jistgħu jirrikonoxxu faċilment kontenut minn organi tal-media tal-aħbarijiet affidabbli u editorjalment responsabbli. Dan jista' jsir, pereżempju, billi jizjed il-litteriżmu medjatiku u diġitali, id-disponibbiltà tat-taħriġ ġurnalistiku, kif ukoll l-għarfien tal-valur tal-informazzjoni preċiża u affidabbli. Dawk il-miżuri jistgħu jikkontribwixxu għal konfutazzjoni antiċipata, konfutazzjoni u verifika tal-fatti msaħħa, iżda għandhom ikunu konformi mal-istandards ġurnalistiċi professjonali u etiċi, ir-responsabbiltà editorjali u l-indipendenza u f'konformità mal-obbligi tat-trasparenza tas-sjeda tal-media sabiex tiġi żgurata ekosistema tal-informazzjoni b'saħħitha.
31. Iħeġġu lill-fornituri tas-servizzi tal-media tal-aħbarijiet jippromwovu l-attribuzzjoni ċara tal-orijini għall-kontenut tal-media, bħall-prattika tal-ġurnaliżmu byline, mingħajr ma jikkompromettu la l-indipendenza tal-media u lanqas is-sikurezza tal-ġurnalisti. Dan jista' jservi ta' mezz ta' tisħiħ tat-trasparenza, l-akkontabbiltà u l-fiduċja tal-pubbliku fir-rigward tal-ġurnaliżmu, kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, filwaqt li jappoġġa wkoll it-tikkettar bħala mezz ta' rikonoxxibbiltà tal-kontenut iġġenerat mill-IA.
32. Ikomplu jsegwu u jiskambjaw fehmiel dwar l-impenji politiċi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020¹⁴ u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2024¹⁵ biex jippromwovu azzjonijiet ta' litteriżmu fil-media li jiġġieldu l-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni u jsaħħu r-reżiljenza fil-gruppi tal-etajiet u l-gruppi vulnerabbli kollha, speċjalment il-minorenni. Dan jista' jinkludi miżuri biex titqajjem kuxjenza pubblika dwar ir-riskji assoċjati mal-użu tas-servizzi tal-IA biex jinstab kontenut tal-aħbarijiet u tal-importanza li l-informazzjoni tiġi vverifikata qabel ma tiġi kondiviża fuq il-media soċjali, b'mod partikolari għall-utenti b'udjenza sinifikanti. F'dak il-kuntest, tappoġġa, twettaq jew tteġġeg inizzjattivi biex jiġi identifikat u ttikkettat kontenut iġġenerat mill-IA u dak manipulat bl-IA f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar l-IA.

¹⁴ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-litteriżmu fil-media f'dinja dejjem tinbidel, ĠU C 193, 9.6.2020, p. 23.

¹⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-reżiljenza demokratika: is-salvagwardja tal-proċessi elettorali mill-indhila barrani, 10119/24.

33. Itejbu t-tagħrif u l-għarfien pubbliku fir-rigward tal-proċessi tal-FIMI u tad-diżinformazzjoni permezz ta', pereżempju, riċerka multidixiplinari, il-kompilazzjoni ta' data dwar ix-xejriet tal-konsum tal-media u attivitajiet oħra ta' sensibilizzazzjoni. F'dak il-kuntest, jistgħu jintużaw jew jittejbu strutturi eżistenti bħall-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali u n-network Ewropew ta' verifikaturi tal-fatti.
34. Jiżguraw li l-politika dwar il-media tiġi integrata fil-kunsiderazzjoni ta' politiki aktar ġenerali dwar is-sigurtà ġeopolitika u l-elementi diġitali sabiex nissalvagwardjaw id-demokraziji tagħna u nagħtu aktar setgħa liċ-ċittadini u nsaħħu r-reżiljenza tagħhom, peress li l-aċċess għal aħbarijiet affidabbli huwa prerekwiżit fundamentali għall-funzjonament tad-demokraziji tagħna. Dan jista' jsir, pereżempju, billi jitqiesu r-rwol tal-media u l-konsegwenzi għaliha fil-formulazzjoni ta' objettivi u strateġiji ta' politika aktar ġenerali filwaqt li jinżamm ir-rispett sħiħ għal-libertà tal-media u l-indipendenza editorjali.
-